

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: VB

Konvenut: Comune di Portici

Dispożittiv

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ttiprobixxi lil ħaddiem għal rasu residenti fi Stat Membru għal iktar minn 60 il-ġurnata milli jiċċirkola f'dan l-Istat Membru b'vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor meta l-vettura la hija intiża sabiex tintuża essenzjalment fl-ewwel Stat Membru b'mod permanenti u, effettivament, lanqas ma tintuża b'dan il-mod.

(¹) ĠU C 148, 04.04.2022.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Nacional (Spanja) fil-5 ta' April 2022 –
Proċeduri kriminali kontra Abel**

(Kawża C-235/22)

(2023/C 24/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Audiencia Nacional

Partijiet fil-proċeduri kriminali nazzjonali

Rikorrent: Abel

Parti oħra fil-proċedura: Ministerio Fiscal

Domandi preliminari

1) L-Artikoli 126 u 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar il-Ħruġ") (¹) u l-Artikoli 18(1) u 21 (1) TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma applikabbli għal talba għal estradizzjoni minn pajjiż terz magħmula wara t-tmim tal-perijodu tranżitorju previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ dwar ċittadin tar-Renju Unit li kien residenti fi Stat Membru kemm matul kif ukoll wara t-tmim tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għal fatti mwettqa qabel u waqt li l-Ftehim dwar il-Ħruġ kien fis-seħħ?

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv:

2) L-Artikoli 10, 12, 13, 14, 15, 126 u 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-Artikolu 21 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-ġurisprudenza stabbilita fis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Settembru 2016, Aleksei Petruhhin vs Latvijas Republikas Ġenerālprokuratūra (C-182/15) (²), tal-10 ta' April 2018, Romano Pisciotti vs Bundesrepublik Deutschland (C-191/16) (³) u tat-2 ta' April 2020, Ruska Federacija vs I.N. (C-897/19 PPU) (⁴), hija applikabbli għal talba għal estradizzjoni minn pajjiż terz dwar ċittadin Brittaniku li kien ċittadin tal-Unjoni Ewropea fil-mument tal-fatti li jimmotivaw it-talba għal estradizzjoni u li rrisjeda mingħajr interruzzjoni fit-territorju ta' Stat Membru ieħor qabel u waqt li l-Ftehim dwar il-Ħruġ kien fis-seħħ?

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv:

- 3) Il-ġurisprudenza stabbilita fis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi tas-6 ta' Settembru 2016, *Aleksei Petruhin vs Latvijas Republikas Ġenerālprokuratūra* (C-182/15, EU:C:2016:630), tal-10 ta' April 2018, *Romano Piscioti vs Bundesrepublik Deutschland* (C-191/16, EU:C:2018:222) u tat-2 ta' April 2020, *Ruska Federacija vs I.N.* (C-897/19 PPU, EU:C:2020:262), fid-dawl tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali previst fl-Artikoli 62 sa 65 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u t-Titolu VII tat-Tielet Parti tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, hija applikabbli għal talba għal estradizzjoni minn pajjiż terz dwar ċittadin Brittaniku li kien ċittadin tal-Unjoni Ewropea fil-mument tal-fatti li jimmutivaw it-talba għal estradizzjoni u li rrisjeda mingħajr interruzzjoni fit-territorju ta' Stat Membru ieħor qabel u waqt li l-Ftehim dwar il-Ħruġ kien fis-seħħ?

⁽¹⁾ ĠU 2020, L 29, p. 7.

⁽²⁾ EU:C:2016:630.

⁽³⁾ EU:C:2018:222.

⁽⁴⁾ EU:C:2020:262.

Appell ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2022 minn Luis Miguel Novais mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fl-4 ta' Marzu 2022 fil-Kawża T-66/22, Novais vs Il-Portugall

(Kawża C-295/22 P)

(2023/C 24/25)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Appellant: Luis Miguel Novais (rappreżentanti: Á. Oliveira u C. Almeida Lopes, advogados)

Parti oħra fil-proċedura: Ir-Repubblika Portugiża

Permezz ta' digriet tal-24 ta' Novembru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla), ħadhet l-appell bħala manifestament infondat.

Appell ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2022 minn Union nationale des indépendants solidaires (UNIS) mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-8 ta' Marzu 2022 fil-Kawża T-431/21, UNIS vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-324/22 P)

(2023/C 24/26)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Union nationale des indépendants solidaires (UNIS) (rappreżentant: F. Ortega, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-1 ta' Diċembru 2022, il-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) ħadhet l-appell bħala manifestament infondat u kkundannat lir-rikorrenti tbat i-ispejjeż tagħha.
